

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: the airscreen company GmbH & Co. KG (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch u N. Willich, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Frar 2020 (Każ R 2527/2018-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Moviescreens Rental u the airscreen company.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Moviescreens Rental GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 262, 10.8.2020.

---

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – JR vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-435/20) (<sup>1</sup>)

**(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Reklutaġġ – Kompetizzjoni interna COM/03/AD/18 (AD 6) – Deċiżjoni li isem ir-rikorrent ma jgħix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Sigriet tal-ħidma tal-Bord tal-Għażla – Piż mogħti lill-elementi li jiffurmaw eżami previsti fl-avviż tal-kompetizzjoni”)**

(2021/C 462/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: JR (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Milanowska u I. Melo Sampaio, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni interna COM/03/AD/18 (AD 6) – Amministraturi, tal-15 ta' April 2020, li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' dan il-bord tal-għażla tas-16 ta' Diċembru 2019 li isem ir-rikorrenti ma jgħix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-imsemmija kompetizzjoni u, sa fejn ikun meħtieġ, għall-annullament ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni interna COM/03/AD/18 (AD 6) – Amministraturi, tal-15 ta' April 2020, li isem JR ma jgħix inkluż fil-lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' amministraturi fil-grad AD 6 fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 297, 7.9.2020.